# Minn Casal Gregorio għal Ħal Għargħur

M'hawnx isem ta' raħal f'Malta li ħawwad il-kittieba Maltin daqs l-isem tar-raħal tagħna, dan għaliex fl-imgħoddi kien magħruf b'żewġ ismijiet oħra; *Casal Gregorio u Casal Gargur.*

L-eqdem dokument f'Malta li fih hu msemmi hu dak tal-Militia ta' 1419 - 1420. F'dan id-dokument insibuh bħala Gregori u qiegħed ma' Samud (Madliena). Imbagħad fil-mapep ta' żmien l-Assedju ta' 1565 hu miktub bħala Casal Gregor. Fil-pittura sabiħa ta' mappa ta' Malta li tinsab fil-palazz maġistrali fil-Belt Valletta u mpinġija minn Matteo Perez d'Aleċċio hu miktub c. Gregorii.

Mons. Pietru Dusina fir-rapport tal-Visita appostolika tiegħhu fl-1575 isejaħlu *Casal Gregorii.* Hekk ukoll hu miktub fl-ewwel magħmudija reġistrata minn Dun Matteo Sciriha fit-8 ta' Jannar 1599 fir-reġistri tal-Parroċċa tagħna. Insibuh l-istess miktub fid-dokument tad-dismembrazzjoni tal-Paroċċa tagħna minn dik tan-Naxxar fl-1610.

Iżda fis-sekli sbatax u tmintax (1600 - 1800) l-aktar li nsibuh imsemmi hu bħala Casal Gargur. Il-Kappillan Dun Salvatore Zarb mir-raħal tagħna stess (1726 - 1783) hekk kitbu fid-dokumenti tal-knisja u hekk hu miktub ukoll fl-irċevuta tal-istatwa ta' San Bartilmew fl-1772. Għalkemm in-nutara Maltin fl-atti tagħhom min kitbu Casal Gregori u min Casal Gargur.

F'dawn l-aħħar mitejn sena meta l-kittieba Maltin bdew jiktbu bil-Malti, l-isem tar-raħal beda jinkiteb Ħal-Għargħur u hekk għadu sa llum. Dawn billi ħadd ma jaf biċ-ċert mnejn seta' ġie *"Għargħur"* taw tifsiriet differenti u ħasbu li dan hu l-isem tradizzjonali u sar l-isem uffiċċjali tiegħu.

Xi whud jaħsbu li din hi kelma Għarbija bħal ma huma ismijiet oħra tar-rħula u postijiet f'Malta. Fir-raħal tagħna stess insibu ismijiet għarab bħal Ġebel San Pietru (Ġebel tfisser Għolja) u Xwieki minn xewk. Xi kittieba jaħsbu li "Għargħur" hi mnissla minn *Għargħur" isem is-siġra magħrufa fil-botanika bħala "Juniperus Phoenicea L"* (Flora Melitensis Nova - S. Sommier u A. Caruana Gatto 1915 - No. 901). Din is-siġra dekorattiva llum m'hijiex komuni u setgħet kienet komuni fl-imgħoddi.

Insibu wħud li jaqsmu l-isem fi tnejn Għar-għur u jieħdu l-ewwel parti fis-sens kollu tagħna, għar. Dawn huma tal-fehma li "għar" hi kelma antika "aħjar" (minnu) u għalhekk tfisser "Għar li m'hawnx aħjar minnu minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu fil-għoli". Huma jirreferu għal xi wieħed mill-għerien ta' taħt il-*Victoria Lines* li minnhom wieħed jara veduta mill-isbaħ. Hawn minn jieħu "għur" bħal "ur" f'Nadur li tfisser "fuq għolja" għax Nadur tfisser "dawl fuq il-għolja". Insibu wkoll min jgħid li "Ghur" hi korruzzjoni tal-kelma "mingħul" li tfisser "spirtu ħażin" u jorbtu din mal-leġġenda ta' l-Għar ta' San Brinkat li fl-imgħoddi kienu jissemmew xi stejjer tal-waħx fuqu. Uħud jgħidu li "Għargħur" tfisser post "imwarrab" jew "għalih waħdu". Iżda għalkemm insibu min jgħid li din ġejja minn "għargħar" (ta' l-ilma) din żgur li ma tixraqx lir-raħal tagħna għax jagħmel kemm jagħmel ilma jibqa' sejjer fil-widien kbar ta' madwaru.

Jekk inqabblu dan l-isem ma' dak ta' "Għawdex", li -l-Griegi semmewh *"Gaulos"*, ir-Rumani *"Gaudisium"* u l-Ispanjoli *"Godso"* iżda llum insejħulu

"Għawdex", wieħed jista' jikkonkludi li "Għargħur" hi mnissla minn "Gregorio" li maż-żmien saret "Gargur" u llum "Għargħur". Għandna eżempju ieħor "Għonnella" li ġejja minn *"gonella"* bit-taljan li tfisser "dublett żgħir" jew "fardal" bħal ma nsibu fl-idjoma Taljana *"attacato all gonella di sua madre"* (marbut ma' djul ommu).

Fl-imgħoddi fir-raħal tagħna kellna kappella żgħira dedikata lil San Girgor u l-isqof Mons. Molina fil-Visita Pastorali tiegħu (1678) jikteb hekk fuqha: *"Il-knisja ta' San Girgor ipprofanata u l-obbligi tagħha huma marbutin ma' biċċa art, mikrija lil GioLuca Bezzina minn B'Kara, li qiegħda fl-istess post fejn hemm il-knisja profanata u fil-limiti ta' Ħal-Għargħur, huma li ssir quddiesa baxxa fil-festa ta' San Girgor u li jitħallsu 6 tari biex jinxtegħel il-lampier tas-Santissimu Sagrament, dawn ġew trasferiti fil-Knisja Parrokjali."*

Għadu mhux magħruf fejn kienet din il-kappella, iżda naħsbu li kienet bejn il-fortizza tal-Ferħa u Sqaq il-Qiegħed. Din milli jidher kienet ta' ftit importanza għaliex lanqas Mons. Pietru Dusina ma semmieha fir-rapport tal-Visita Appostolika Tiegħu fl-1575. Għalkemm ftit insibu miktub fuqha setgħet kienet hi, jew min bnieha li tat l-isem lir-raħal tagħna.

**Giljan Bezzina**



**L-ewwel magħmudija mniżżla fil-kotba tal-Parroċċa. L-isem tar-raħal hu mniżżel Casal Gregori.**